# PROGRAMM F'ĠIEĦ IL-MADONNA TAL-GRAZZJA

# FIS-SANTWARJU TAGĦHA TA' ĦAŻ-ŻABBAR

# Settembru 2 0 2 2

**L-Erbgħa 31:** Fis-7.00pm quddiesa u attivita' soċjali **għat-tfal** fil-bitħa tal-Museum subien bħala għeluq tal-Club tas-Sajf. Fid-9.00pm **Adorazzjoni** li tintemm bil-barka Sagramentali fil-knisja Arċipretali mmexxija mir-**Rev.du Dun Lino Azzopardi,** biex jinkiseb il-ġid mill-festa ta' din is-sena. Ikun hemm servizz ta' Qrar.

**Il-Ħamis 1: L-Ewwel Salve.** Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni mmexxija mill-**W.Rev.du Arċipriet** bħala ftuħ tal-festi. Wara, funzjoni tas-Salve u barka Sagramentali. Fit-8.00pm **ħruġ tal-vara tal-Madonna tal-Grazzja** fuq iz-zuntier fejn issir Ċelebrazzjoni Marjana bis-sehem taż-żewġ baned ta' Ħaż-Żabbar.

**Il-Ġimgħa 2: L-Ewwel jum tan-Novena.** Fis-6.30pm quddiesa bil-priedka tan-Novena mir-**Rev.du P. Anton Farrugia, OFM**. Mistiedna **l-Membri tal-Gruppi** u **Għaqdiet Parrokkjali** u **l-Gruppi Soċjali** ta' Ħaż-Żabbar. Wara, kant tas-Salve Regina, Antifona u barka Sagramentali. Hekk ikomplu l-ġranet kollha tan-Novena

**Is-Sibt 3: It-Tieni jum tan-Novena.** Fl-10.00am Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla bil-Magħmudijiet. Fil-5.00pm quddiesa u fis-6.15pm quddiesa tan-Novena. Mistiedna **l-membri tal-Kumitat Pellegrinaġġi Roti u Muturi** u **kull min se jieħu sehem fiż-żewġ pellegrinaġġi tat-tfal u tal-kbar.**

**Il-Ħadd 4: Tifkira tal-71 sena mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru Titulari.** Fl-10.15am quddiesa għall-**adolexxenti** li dis-sena se jirievu l-Griżma. Mistiedna wkoll il-ġenituri u l-parrini tagħhom. Fid-9.30am jitlaq il-pellegrinagg tat-tfal bir-roti minn quddiem il-knsija tas-Salib Imqaddes. Fil-11.00am jaslu quddiem is-santwarju fejn issir ċelebrazzjoni qasira.

Fis-6.00pm Konċelebrazzjoni mmexxija mir-**Rev.mu Mons. Michael Bugeja,** Ċeremonjier Djoċesan. Id-diskors kommemorattiv isir mill**-W.Rev.du Dun Martin Zammit**, Kappillan tal-komunita' Griega-Kattolika f'Malta. Kant tas-Salve Reġina, Antifona, Te Deum u barka Sagramentali.

**It-Tnejn 5: Ir-Raba' jum tan-Novena.** Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena li għaliha mistiedna **r-residenti taż-Żoni** Sant'Andrija, Sta. Marija, Nażaret, Marija Bambina, San Ġakbu x-Xgħajra u tal-kappella San Ġużepp (Dumnikani). Mistiedna wkoll **il-Katekisti** tal-parroċċa li ħafna minnhom jgħallmu fiż-żoni.

**It-Tlieta 6: Il-Ħames jum tan-Novena.** Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena għal dawk li jaghtu **sehemhom fil-Liturġija:** animaturi, letturi u Ministri tat-Tqarbin. Magħhom jissieħbu l-Grupp ta' Voluntiera tat-Tempju u l-Grupp tal-Armar ta' Barra.

**L-Erbgħa 7: Is-Sitt jum tan-Novena**. Fid-9.30am quddiesa mir-**Rev.mu Mons. Gius. Farrugia** għall-morda u l-anzjani li jingħataw ukoll is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Jieħdu ħsieb il-Grupp Nisa Azzjoni Kattolika u l-Grupp Romol. Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena animata mill-aħwa tal-**Mixja Neo-katekumenali.**

**Il-Ħamis 8: Is-Seba' jum tan-Novena. Solennita' tat-Twelid tal-Verġni Marija.** Fid-9.30am **it-tfal kollha** jinġabru quddiem il-Museum Subien u akkumpnajati minn statwa tal-Madonna, jitilgħu sas-santwarju fejn fl-10.00am issir ċelebrazzjoni ferrieħa.

Fil-5.00pm, pellegrinaġġ minn Pjazza Medjatriċi **għall-ġenituri li kellhom tarbija** matul l-aħħar sena. Fis-santwarju ssir Ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla u t-talba tal-prezentazzjoni tat-trabi lill-Madonna tal-Grazzja.

Fis-6.30pm quddiesa tan-Novena għall-**Familji u dawk li qed jaħdmu f'dan il-qasam** bħall-Grufan u l-Korsijiet ta' Kana. Mistiedna dawk li qed jiċċelebraw l-10, 25 u 50 sena taż-żwieġ nisrani. Min għandu dawn l-anniversarji kif ukoll **il-koppji li żżewġu matul din l-aħħar sena,** huma mitluba jikkuntattjaw lill-inkarigati fuq 79302736. Jingħataw tifkira.

**Il-Ġimgħa 9: It-Tmien jum tan-Novena.** Fis-6.30pm Konċelebrazzjoni mmexxija mir-**Rev. du Dun Michael Bellizzi**, f'għeluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Nitolbu wkoll għar-**Rev.du Dun Ġużepp Sultana** li dis-sena qed jiċċelebra wkoll għeluq il-50 sena tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Mistiedna s-saċerdoti u r-reliġjużi li jaħdmu fil-parroċċa jew huma minn Ħaż-Żabbar fejn isir **talb għall-Vokazzjonijiet.** Jieħdu sehem ukoll ir-reliġjużi nisa li għandna fil-parroċċa: Dumnikani, Orsolini u St Joseph of the Apparition. Mistiedna wkoll **l-abbatini** mal-ġenituri tagħhom. Uħud mill-abbatini jagħmlu l-Vestizzjoni.

**Is-Sibt 10: L-Aħħar jum tan-Novena u Lejlet il-Festa**

Fit-8.30am Konċelebrazzjoni mmexxija mir-**Rev.du Dun Jonathan Debattista,** viċi-parroku, bl-aħħar priedka tan-Novena u kant tat-**Te Deum** bħala għeluq tan-Novena. Huma mistiedna l-emigranti li jkun hawn fostna u ż-Żabbarin li joqgħodu barra mill-parroċċa.

Fl-10.15am isir it-tberik taż-żewġ baned Żabbarin: **is-Soc. Fil. Maria Mater Gratiae u l-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel, mill-W.Rev. Arċipriet.** Il-baned idoqqu flimkien l-Ave Maria u innijiet Marjani. Fil-11.00am jibdew il-marci tradizzjonali tagħhom minn ħdejn il-każini rispettivi tagħhom.

Quddies fil-5.00pm u fis-6.15pm.

Fis-7.15pm **Tranżlazzjoni Solenni tar-Relikwija tal-Madonna** mill-**E.T. Mons. Pawlu Darmanin OFM, Cap,** Isqof Emeritu ta' Garissa fil-Kenja, mill-kappella tal-Lunzjata għall-knisja Arċipretali. Kant tal-Ewwel Għasar, Salve Regina, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd 11: Jum il-Festa Titulari**

Quddies fis-6.00am, 7.00am, 8.00am u 11.45am.

Fid-9.30am **Konċelebrazzjoni Solenni** mmexxija **mill-E.T. Mons. George Frendo, OP**., Arċisqof Emeritu ta' Durres fl-Albanija, li jinseġ ukoll il-paneġierku.

Fin-12.30pm, jaslu **l-pellegrinaġġi tar-Roti u l-Muturi** li ilhom isiru mill-1951, fejn issir ċelebrazzjoni qasira fuq iz-zuntier għall-pellegrini.

Fil-5.00pm quddiesa.

Fis-5.45pm Kant tat-Tieni Għasar tal-Madonna. Fis-7.00pm ħruġ tal-purċissjoni bil-vara u r-Relikwija tal-Madonna tal-Grazzja immexxija mill-**W.Rev.du Kan. Franklin Vella.** Fl-ewwel parti tal-purċissjoni jingħad ir-Rużarju. Fl-10.30pm dħul tal-vara, kant tal-Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

N.B.

1. Matul il-quddies tan-Novena jiġu mistiedna personalment dawk **li tilfu 'l xi ħadd għażiż għalihom** mill-aħħar festa 'l hawn.

2. Matul il-quddies tan-Novena jkun hawn servizz ta' qrar.

2. Matul in-Novena jieħu sehem il-Kor Notre Dame tal-parroċċa.

3. Il-Ħadd 4, nhar l-Inkurunazzjoni, il-Ġimgha 9, is-Sibt 10 u l-Ħadd 11 filgħodu u filgħaxija, jieħu sehem il-Kor Notre Dame flimkien mal-orkestra taħt it-tmexxija tas-Sinjura Tracy Galea Tabone.